DEĊIŻJONI (UE) 2023/1959 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2023

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (qabel it-30 ta' Novembru 2021: L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2) għas-sena finanzjarja 2021

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għas-sena finanzjarja 2021,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2021, flimkien mar-risposti tal-Impriżi Konġunti ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ([2]) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2021, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2023 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2021 (06252/2023 — C9-0113/2023),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

— wara li kkunsidra Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014 ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2023),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2021;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

([1]) ĠU C 433, 15.11.2022, p. 52.
([2]) ĠU C 399, 17.10.2022, p. 240.
([3]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([4]) ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54.
([5]) ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.
([6]) ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (is-serje L).

Il-President
Roberta METSOLA

Is-Segretarju Ġenerali
Alessandro CHIOCCHETTI